# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 19

Data tal-laqgħa: 29 ta' Mejju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:30p.m. billi ntqalet it-talba.

Is-Sa Helen Gauci, qalet kif qabel ma tibda l-laqgħa hi xtaqet tfakkar lis-Sindku li hi kienet fuq is-siġġu li serqet bl-appoġġ tas-Sur Christopher Fenech, u tas-Sa Francesca Attard.

Is-Sindku qalet li ser tkun qed tmexxi din il-laqgħa skond l-aġenda bl-aħjar mod possibli.

## 19/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**19/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera u kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 19/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**19/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 13 li nżammet nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2025, is-seduta numru 14 li nżammet b'urġenza nhar 19 t'April 2025, is-seduta numru 15 li nżammet b'urġenza nhar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2025, is-seduta numru 16 li nżammet b'urġenza nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju 2025, is-seduta numru 17 li nżammet b'urġenza nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju 2025, is-seduta numru 18 li nżammet b'urġenza nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju 2025, kienu meħuda bħala moqrija.

**19/02/02** Il-Minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sekondata mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**19/02/03** Id-DSE infurmat kif hi kienet ser tagħti aġġornamenti fil-qosra dwar punti li kienu mqajma fil-laqgħa preċedenti.

**19/02/04** Id-DSE tat aġġornament fuq il-Bus Shelter fiż-zona ta tax-Xwieki fejn spjegat kif is-*surveyor,* Mario Attard Trevisan, kien mar fuq il-post nhar is-Sibt 26 t'April 2025 u r-rapport wasal għand il-Kunsill nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju 2025. Hi spjegat kif għal din ir-raġuni, dan ir-rapport ġie mgħoddi lill-Perit tal-Kunsill sabiex dan jiġi sottomess lill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Madanakollu hi qalet ukoll li ma kienx għad kellha risposta lura mingħand il-Perit.

**19/02/05** Id-DSE għamlet referenza għat-talba li kienet ġiet diskuss fl-aħħar laqgħa fejn infurmat kif it-talba li kienet ġiet imressqa lill-McDonalds sabiex il-Kunsill jara jekk jistgħux jipprovdu fondi biex jiġu installati CCTV cameras fil-Ġnien ta' Top of the World. Hi spjegat li l-Kunsill ġie infurmat bil-miktub kif għal dis-sena diġa kellhkom il-fondi allokati għal proġetti oħra u talbu lill-Kunsill sabiex jerġa jgħamel kuntatt magħhom lejn tmiem din is-sena.

**19/02/06** Id-DSE għamlet referenza għal SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026 u nfurmat kif l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025, u kienet ġiet approvata u b'hekk bdew il-preparamenti meħtieġa.

**19/02/07** Id-DSE spjegat kif għalkemm kien hemm qbil fuq il-*whatsapp group* bejn il-Kunsilliera, hi xtaqet li tiġi mressqa bħala punt f'dawn il-minuti sabiex tinforma kif f'isem il-Kunsill Lokali tal-Għargħur, hi infurmat kif il-Kunsill kien qed jappoġġja petizzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali ta' l-Iklin.

**19/02/08** Id-DSE għamlet referenza għat-talba mressqa mis-Sa Marilena Hassan sabiex ikun hemm aktar dawl fi Triq il-Ġnien – kienet saret laqgħa fuq il-post mal-Perit William Agius fil-preżenza ta' Helen Gauci nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu. Hi spjegat li kienet bagħtet komunikazzjoni bħala tfakkira ġentili u kienet għadha bla risposta. Hi infurmat ukoll kif jekk ikun hemm xi aġġornament dwar dan, kienet ser tinforma lill-kulħadd mill-ewwel.

**19/02/09** Id-DSE għamlet referenza għal-linji ta' markeġġ li qatt ma kienu saru fi Triq Caravaggio u fejn kienet saret talba lill-Perit u kien ipprovda kuntatt ta surveyor. Hi fakkret lill-Kunsilliera kif fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kienet ressqet kwotazzjoni ta' €3,250.00 + Vat u kif kien hemm qbil li s-Sa Gauci kienet ser tkellem lil TM biex jaraw jekk dan ix-xogħol jistax isir minn naħa tagħhom. Għal din ir-raġuni hi staqsiet lis-Sa Gauci jekk kelliex risposta mingħand TM.

**19/02/10** Is-Sa Gauci ikkonfermat li ma kellha l-ebda risposta lura mingħand TM.

**19/02/11** Id-DSE tat aġġornament fuq it-talba tal-Kunsill sabiex il-*Bus Stop* ta' ħdejn il-knisja timxi għal bidu tat-Triq San Bartilmew. Hi spjegat kif din it-talba li ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti ġiet immresqa lil Transport Malta. Ġejna mitluba biex nipprova ritratti tal-post u tas-sit fejn qed jissurggerixxi l-Kunsill u kif dan il-Kunsill għadu qed jistenna risposta lura.

**19/02/12** Id-DSE infurmat ukoll kif it-talba sabiex isiru żewġ *sleeping policeman* waħda fejn il-Mużew tas-Subien u l-oħra fi Triq Santa Katarina, kienu ġew approvati minn TM u għal din ir-raġuni hi kienet bagħtet talba sabiex dawn isiru mill-kuntrattur.

**19/02/13** Id-DSE infurmat kif nhar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju, hi flimkien mas-Sa Helen Gauci kienu preżenti għal konferenza stampa dwar l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa sabiex jinżamm avveniment kulturali. Hi spjegat kif dan l-applikazzjoni kienet ġiet approvata u għal din ir-raġuni bdew il-preparamenti neċessarji.

**19/02/14** Is-Sa Gauci xtaqet tressaq kumment dwar l-iskemi. Hi talbet sabiex meta l-Kunsill ikolli skema approvata, il-Kunsilliera għandhom ikunu jafu qabel ma din tiġi ppublikata fuq il-Facebook Page tal-Kunsill.

**19/02/15** Id-DSE spjegat li l-iskema li kienet qed tirreferi għaliha s-Sa Gauci kienet skema oħra li kienet ser tinforma dwarha wara dan il-punt – l-iskema ta' Minn Pjazza Għal Pjazza. Id-DSE spjegat kif il-Kunsill kien irċieva stedina sabiex is-Sindku tkun preżenti għal konferenza stampa sabiex tkun taf ir-riżultat, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025. Hi qalet ukoll kif ir-riżultat saru jafu bih tard filgħaxija pero għal darb'oħra hi ħadet nota sabiex dan ikun ikkomunikat qabel ma jkun ppublikat fuq il-mezzi soċjali.

**19/02/16** Id-DSE infurmat Proġett minn Pjazza għal Pjazza – Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju s-Sindku kienet mistiedna għall-konfernza dwar dan il-proġett l-Expo ta-Servizz Pubbliku, Ta' Qali. Hawn ġie imħabbar li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet milquha u ser jibdew il-laqgħat minn għada stess sabiex jibdew il-preparamenti neċessarji.

**19/02/17** Is-Sa Gauci staqsiet jekk din l-applikazzjoni kienitx l-istess waħda li kienet għamlet hi.

**19/02/18** Id-DSE ikkonfermat li din kienet saret wara li kienet inżammet laqgħa onlajn fejn għaliha kien hemm preżenti l-Kunsilliera kollha flimkien mal-Maniger tal-Kultura, James Hamberger. Żiedet tirringrazzja lis-Sur Hamberger talli għen fil-kitba ta' din l-applikazzjoni.

**19/02/19** Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan u rringrazzjaw lis-Sur Hamberger tax-xogħol tiegħu sabiex titlesta din l-applikazzjoni.

**19/02/20** Id-DSE informat li Skema numru 4/2025 tal-milied 2025 ġiet sottomessa nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju. Qalet ukoll kif qed isir ix-xogħol neċessarju sabiex il-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni għal Skema Numru 5/2025 – Karnival 2026 li ser tkun qed tintbagħat lill-Kunsilliera qabel ma tiġi sottomessa. Hi fakkret lill-Kunsilliera li l-Kunsill jonqosu japplika għal Skema 6/2025 – Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Maġġuri li ser tagħlaq nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju kif ukoll Skema 7/2025 – Servizz ta' Manutenzjoni binjiet Pubbliċi li ser tagħalaq nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025.

**19/02/21** Id-DSE infurmat kif kienet inżammet laqgħa ma' l-Università kienet inżammet u spjegat il proċess li hu involut.

**19/02/22** Is-Sa Meli spjegat aktar fid-dettal dwar l-għajnuna li ser tkun provduta mill-istudenti mill-Univerita u r-riżultat ikun jistà jiġi diskuss ma' l-entitajiet konċernati kif ukoll mar-residenti stess. Hi talbet sabiex kull min għandu xi idea jistà jressaqa sabiex il-proposta finali titressaq sa l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2025.

## 19/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**19/03/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, għamlet referenza għall-avvenimenti li kienu ser jinżammu fit-18 ta' Lulju u fit-28 ta' Ġunju 2025. Hi qalet kif peress li kien hemm qbil li fit-18 ta' Lulju li jarmaw tal-planċier, hi qalet kif żdiedet il-banda ma l-istess attività, u kif fit-28 ta' Ġunju 2025 ser ikunu qed jarmaw ta' l-għarmar u tan-nar u b'hekk l-affarijiet ikunu nqassmu ugwalment. Hi qalet ukoll kif fis-16 ta' Lulju, f'Jum il-Għargħur, infurmat kif bagħtet talba għal *sponsors* minn naħta tal-Kultura u minn naħa ta' Visit Malta, u kif kienet qed tistenna risposta lura. Is-Sa Meli qalet kif sadanittant kien irnexxiela tiġbor is-somma ta' €2,276.00 fi sponsors u kif il-kuntratti ta' dawn ser ikunu qed jiskattar fil-ġimgħa li ġejja. Talbet lill-Kunsilliera sabiex min ikollu sponsors jinforma lill-Kunsill dwarhom u kif b'kollox l-avveniment għandu jiswa bejn €4,000 u €4,200.00.

**19/03/02** Is-Sa Meli qalet kif f'Jum il-Għargħur, l-għaqdiet intalbu biex jaraw min jixtieq jarma kif isir issoltu u sal-ġimgħa d-dieħla ser ikun hemm risposta dwar dan. Hi qalet kif l-avvenimenti ta' 28 ta' Ġunju 2025 u tat-18 ta' Lulju kienet maqsuma bejn kulħadd. Għaldaqstant talbet għall-kummenti tal-Kunsilliera preżenti.

**19/03/03** il-Viċi Sindku, is-Sa Attard, qalet li t-tqassam huwa wieħed bilanċjat u kif kienet qed taqbel ma din il-proposta

**19/03/04** Is-Sa Helen Gauci qalet kif in-nies tal-planċier u tal-banda huma l-istess nies u jekk dawn aċċettawx ma' dan il-ftehim.

**19/03/05** Is-Sa Meli ikkonfermat li kien hemm ftehim.

**19/03/06** Is-Sa Meli infurmat li nżammu laqgħat mal-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali fejn inħareġ li l-break ma kienx ta' siegħa u nofs twil u b'hekk matul dan il-ħin l-impjegati jkunu qed jgħamlu l-*back office work.*

**19/03/07** Is-Sa Meli infurmat kif nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju ser jinżamm BBQ mill-planċier f' St John Street. Għal din ir-raġuni hi talbet lill-Kunsilliera l-approvazzjoni tagħhom sabiex il-bandli jibqa miftuħ u jkun jistà jużawh it-tfal u tibqa miftuħa wkoll il-latrina.

**19/03/08** Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 19.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**19/04/01** Is-Sa Meli infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera pero staqsiet jekk kienx hemm xi ħadd li xtaq iressaq xi domanda.

**19/04/02** Is-Sa Francesca Attard qalet li kellha xi affarijiet però ser tressaqhom fil-laqgħa li jmiss peress li ma kinitx leħqet resqithom qabel din il-laqgħa.

**19/04/03** Is-Sa Marilena Hassan qalet li kellha xi domandi li xtaqet tressqet.

**19/04/04** Is-Sa Meli qalet li ser tkun qed tieħu nota tagħhom sabiex dawn jiġi mwieġba fil-laqgħa tal-Kunsill li jkun imiss.

**19/04/05** Is-Sa Marilena Hassan infurmat li ser tkun qed tibgħat emejl ukoll bid-domandi li kellha.

## 19/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

- ***Rapporti***

**19/05/01** Id-DSE infurmat lil rapporti għal din il-laqgħa ma kien hemm xejn x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa.

- ***Ilmenti, Ordnijiet ta' Xogħol***

**19/05/02** Is-Sindku ressqet talba sabiex isiru linji doppji sofor fi Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq l-Isqof S. Gaffiero. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

**19/05/03** Is-Sindku ressqet talba sabiex issir *zebra crossing* f'St John Street, fejn il-bandli, peress li hemm l-iskola u ġnien il-Paċi.

**19/05/04** Is-Sa Helen infurmat kif din it-talba kienet diġa tressqet fil-leġislatura preċedenti imma ma kienx hemm approvazzjoni.

**19/05/05** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex tiġi mressqa din it-talba lil TM.

**19/05/06** Is-Sa Meli ressqet talba oħra sabiex isiru linji ġodda peress li qed jipparkjaw vetturi u jostakolaw il-garaxxijiet li jinsabu f'din it-Triq.

**19/05/07** Kien hemm approvazzjoni li jkun hemm il-linja ta' metru kif stipulat fil-liġi.

**19/05/08** Is-Sa Meli ressqet talba oħra dwar applikazzjoni li ilha żmien twil għaddejja f'żona ODZ u kif il-Kunsill kien diġa ressaq oġġezzjoni. Hi spjegat kif reġgħu daħħlu permessi ġodda pero dan xorta jibqa fuq żona ODZ u talbet biex kif isir meta jkun hemm f'żona ODZ, il-Kunsill iressaq oġġezzjoni.

**19/05/09** Il-kunsilliera qabel sabiex ikun hemm oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

**19/05/10** Id-DSE infurmat li fil-laqgħa preċedenti kienet ressqet talba dwar il-problema li qed ikun hemm f'Top of the World, wara li waħda mill-bollards tkissret b'att ta' vandaliżmu u minħabba f'hekk il-karozzi qed jibqgħu dehlin. Hi spjegat kif għalkemm din kienet tressqet fil-laqgħa preċedenti, ma kienx hemm deċiżjoni dwar x'jistà jgħamel il-Kunsill u baqgħu deħlin aktar ilmenti.

**19/05/11** Kien hemm qbil sabiex jerġgħu jsiru l-bollards.

**19/05/12** Id-DSE ressqet fuq il-mejda ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand is-Soċjetà Filarmonika ta' San Bartilmew fejn kienu qed jinfurmaw lill-Kunsill li fil-każin tagħhom jistgħu jitwaħħlu biss *posters* li fuqhom ikun hemm l-arma tal-Kunsill tar-raħal u fuqhom ikun hemm in-numri tal-Kunsill Lokali biss. Għaldaqstant hi qalet ukoll kif posters oħra li ma jimxux ma' din l-ittra ser ikunu qed jitneħħew mill-Kumitat.

**19/05/13** Id-DSE għamlet referenza għall-kuntratt tal-librerija li kien diġa ġie msemmi pero hi spjegat kif ir-Reġjun Lvant qed jikkoordina sabiex jiġi ffirmat kuntratt ġdid bejn il-Kunsill Lokali u l-Malta Libraries fejn eventwalment ser tkun qed tiġi organizzata laqgħa waħda sabiex dawn il-kuntratti jiiġu iffirmata.

**19/05/14** Id-DSE ressqet komunikazzjoni mingħand s-Sa Sherona Briffa mill-FSWS sabiex issir il-*water game activity* li normalment tinżamm f'Lulju. Hi spjegajt ukoll kif is-Sa Briffa kienet diġa tkelmet mal-klabb tal-futbol u qallha biex tikkonferma mal-Kunsill sabiex ikun hemm il-possibilità li tkun organizzata flimkien.

**19/05/15** Il-Kunsilliera preżenti qablu sabiex din tinżamm u ser ikun hemm komunikazzjoni magħha sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji.

**19/05/16** Id-DSE ressqet fuq il-mejda talba sabiex ikun hemm tabella oħra tal-*one-way* fi Triq il-Qiegħed minħabba li qed ikun hemm diversi ċirkostanzi fejn vetturi qed jgħaddu ħażin. Skond ir-ritratt li ntbagħat, diġa hemm żewġ tabelli li juri li *one way*.

**19/05/17** Is-Sa Gauci żiedet tgħid li l-google map qed jgħati din id-direzzjoni u mhux korretta u kkonfermat li kemm-il darba sabet karozzi jew muturi għaddejjin ħażin.

**19/05/18** Id-DSE infurmat li residenta ġibdet l-attenzjoni li r-residenti ta faċċata ta' l-ATM qed joħorġu l-boroż taż-żibel kmieni ħafna u mhux il-borża korretta. Hi talbet sabiex fuq l-approvazzjoni tal-Kunsiliera, tibgħat ittra ġenerali flimkien ma' l-iskeda tal-ġbir ta' l-iskart.

**19/05/19** Id-DSE ressqet emejl li kienet waslet fl-email tal-Kunsill rigward l-avveniment tal-boxing li kien inżamm fl-2024. Hi nfurmat lill-Kunsilliera li kemm kienet ilha taġixxi bħala DSE qatt ma kellha kuntatt ma l-organizzaturi ta' dan l-avveniment u qatt ma kienet irċiviet *invoice* relatat ma' dan.

**19/05/20** Is-Sa Gauci spjegat li d-DSE u s-Sindki ma kienux għadhom fil-Kunsill u kif għal din ir-raġuni ma setgħux ikunu jafu biha.

**19/05/21** Id-DSE infurmat li hi kienet taf b'dan l-avveniment meta l-ġimgħa qabel din il-laqgħa l-Kunsill kien irċieva emejl jitlob għal dan il-ħlas u li din kienet indirizzata lis-Sindku ta' dak iż-żmien, is-Sa Gauci. Hi spjegat kif meta rat din l-emejl, kienet għaddieta mill-ewwel għall-attenzjoni tas-Sindku. Għal din ir-raġuni u b'dak li kien ħareġ fil-midja soċjali, hi fakkret lis-Sa Gauci sabiex tirrispondi l-emejl li kienet bagħtitilha biex tikkonferma li l-Kunsill Lokali ma kellux x'jaqsam ma' dan il-ħlas.

**19/05/22** Is-Sa Gauci qalet kif hi kellha kull dritt tkun *sponsor* u qalet kif hi qed f'komunikazzjoni dirett magħhom.

**19/05/23** Is-Sa Meli u d-DSE tennew li jkun ferm importanti li s-Sa Gauci tirrispondi l-emejl li kienet intbagħatet għall-attenzjoni tagħha mid-DSE sabiex ikun hemm konferma bil-miktub mingħandha wkoll.

## 19.6 GLC/03/2024 – Sejħa għal Resurfacing ta' Triq Għaxqet L-Għajn inkluż l-installazzjoni ta' Dawl u Bankijiet bl-Użu ta' Materjali u Prattiċi favur l-Ambjent

**19/06/01** Is-Sa Meli qalet kif dwar din is-sejħa kienet inżammet laqgħa onlajn fejn għaliha kien hemm preżenti s-Sa Gauci, is-Sa Meli, s-Sa Attard, is-Sa Hassan, is-Sur Hall(li qed jgħin fuq din is-sejħa) u d-DSE flimkien mal-Perit tal-Kunsill, is-Sur Neil Markham.

**19/06/02** Is-Sa Meli spjegat kif f'din il-laqgħa intalab kjarifika dwar ir-raġuni li kellhom jiġu mibdula l-ammonti oriġinali provduta mill-Perit kif ukoll dwar il-materjal. Hi spjegat kif waqt din il-laqgħa hi kienet staqsiet lill-Perit minn fejn kien ġab l-ammont u kif il-Perit qal li dan kien ingħata mill-Kunsill. Żiedet tgħid li fl-ebda minuti qatt ma kien hemm din l-informazzjoni msemmija u saħansitra qatt ma kien ġie ppreżentat BOQ jew stima ta' xogħolijiet dwar dan il-proġett. Hi spjegat kif għalkemm din kienet tekikament tal-Perit, pero l-Kunsill kien intitolat li jkollu din l-informazzjoni provduta.

**19/06/03** Is-Sa Meli qalet ukoll kif minn wara li kienet inżammet din il-laqgħa, hi kienet għadha ma rċivietx il-BOQ

**19/06/04** Id-DSE irrimarkat li dak kollu li kellu x'jaqsam il-Perit, ma kellha l-ebda tweġiba lura.

**19/06/05** Is-Sa Meli qalet kif il-Kunsill għandu jitlob laqgħal mal-Perit biex nifhmu aħjar is-sitwazzjoni u jiġi diskuss l-aħjar mod li l-Kunsill għandu jimxi dwar dan il-proġett.

## 19.7 Postijiet Vakanti

***Sejħa biex timtelà l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur***

**19/07/01** Is-Sa Meli infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar dan is-sejħa flimkien mal-proċedura u kif b'kollox kien hemm ħames persuni interessati f'din il-pożizzjoni. Hi spjegat kif id-Diviżjoni kienu diġa għamlu l-intervisti mal-persuni li kienu ressqu l-interess tagħhom u għal din ir-raġuni, fi żmien erbgħa ġimgħat u mhux aktar mill-11 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill għandu jżomm l-intervisti ma dawk interessati.

**19/07/02** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif għal din ir-raġuni l-Kunsill għandu jaħtar bord ta' l-għażla kompost minn Chairperson flimkien ma' żewġ Kunsilliera oħra. Għal din ir-raġuni, hi talbet lill-Kunsilliera sabiex jiġu maħtura żewġ membri sabiex jinżamm l-intervisti.

**19/07/03** Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera sabiex Chairperson tkun is-Sindku, is-Sa Meli, u membri ser ikunu s-Sa Helen Gauci flimkien mas-Sur Christopher Fenech.

**19/07/04** Id-DSE infurmat kif talbet kjarifika lid-Diviżjoni peress li fil-proċedura kien hemm miktub li s-Segretarju Eżekuttiv ma jistax ikun preżenti waqt l-intervisti. Hi spjegat ukoll kif hi ser tkun qed tipprepara d-dokumenti relatati qabel ma jiltaqgħu sabiex ikollhom ma xiex jimxu. Hi qalet ukoll li jekk ikun hemm risposta, ser tkun qed tinfurmhom.

**19/07/05** Kien hemm qbil sabiex dawn l-intervisti jinżammu nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025 mill-5:15pm 'il quddiem fis-sala tal-Kunsill. Kien hemm qbil sabiex wara l-laqgħa jduru l-applikazzjonijiet li kien hemm.

***Clerk, Scala 15, Part Time***

**19/07/06** B'referenza għal din il-pożizzjoni, is-Sa Meli infurmat kif l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa għal din il-pożizzjoni u l-unika waħda li kienet eleġibbli, kienet nżammet laqgħa urġenza dwar din is-sejħa sabiex tiġi diskussa d-deċiżjoni tal-bord. Hi spjegat ukoll kif minħabba li ma kienx hemm qbil dwar l-applikanta, id-DSE kienet talbet kjarifikazzjoni mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali u kif din kienet għadha ma waslitx lura.

**19/07/07** Is-Sa Meli infurmat li kif ikun hemm direzzjoni, l-Kunsill ser jipproċedi skond kif ikun mitlub minnu.

## 19/08 Responsabilitajiet tal-Membri tal-Kunsill

**19/08/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, ressqet lista ta' dekasteri ġodda wara li ġiet maħtura Sindku tal-Kunsill.

**19/08/02** is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk dawn iridux jgħatu risposta tagħhom f'din il-laqgħa.

**19/08/03** Is-Sa Meli qalet kif hi kienet qed tressaq dan id-dokument u jekk kien hemm bżonn, setat issir diskussjoni waqt din il-laqgħa.

**19/08/04** Is-Sa Meli qrat id-dokument, li qed jiġi nkluż ma' dawn il-minuti bħala 'Dokument A'.

**19/08/05** Is-Sa Meli qalet lis-Sa Hassan sabiex ikun hemm komunikazzjoni dwar l-avvenimenti li kienu ssemmew fejn jidħlu t-tfal.

**19/08/06** Is-Sa Hassan qalet li bħal ma jsir kull sena, hi ma kellha l-ebda problema dwar dan.

**19/08/07** Is-Sa Gauci staqsiet jekk konferma dwar din il-lista kelliex tingħata bilfors waqt din il-laqgħa.

**19/08/08** Is-Sa Meli qalet li jekk kien hemm xi mistoqsijiet jew diskussjoni setgħet tinżamm waqt din il-laqgħa u kif dawn kienu r-responsabilitajiet ġodda skond l-amminstrazzjoni ġdida kif ser ikunu imqassmin u sabiex kulħadd ikompli fuq il-ħidma tiegħu.

**19/08/09** Is-Sa Gauci qalet kif għal din il-laqgħa ma kellha l-ebda kumment xi tressaq u filkas titkellem fil-laqgħa li jmiss.

**19/08/10** Is-Sa Meli tenniet li jekk kien hemm xi punti sabiex jiġu diskussa dwar dan is-suġġet kellu jsir issa u b'hekk kulħadd ikompli bil-ħidma tiegħu fejn qed diversi skemi li jridu jsiru u dan ix-xogħol irid jibqa għaddej, kemm għal gid tal-lokalità kif ukoll għar-residenti.

**19/08/11** Is-Sa Gauci qalet li m'għandha bżonn l-ebda dekasteri peress li hi dejjem ħadmet għal ġid tar-residenti kollha u dawn mhux ser jgħamlu differenza.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

## 19/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**19/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**19/09/02** Is-Sa Francesca Attard talbet kjarifikazzjoni dwar il-kuntratti tat-tindif u knis ma kienx għad hemm u rrakomandat li ċertu pagamenti għadhom jerġgħu jiġu sospiża sakemm jiġu kjarifikati peress li huma kuntratti skaduti.

**19/09/03** Is-Sa Meli qablet ma dan is-suġġeriment u talbet lis-Sa Attard tikkjarfika liema pagamenti qed tirreferi għalihom.

**19/09/04** Is-Sa Gauci staqsiet jekk is-Sa Meli kinitx sabet kwotazzjoni orħos fejn il-kiri tal-vann kif ukoll servizz hux irħas minn dak li għandu l-Kunsill fil-preżent peress li fil-laqgħat preċedenti il-Kunsilliera kienu qed jirrimarkaw li l-ispiża ta' dan kienet waħda għolja. Is-Sa Gauci qalet li l-kwotazzjoni li kienet ġabet hi kienet ferm għalja minn dak li l-Kunsill kien qed iħallas fil-preżent.

**19/09/05** Is-Meli spjegat li ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti din l-informazzjoni peress li x-xufier qal li kien iffirmat kuntratt quddiem is-SE preċedenti u qabel ma jiġi kkonfermat x'kuntratt hemm, dan ma jistax jiġi diskuss.

**19/09/06** Is-Sa Attard staqsiet ukoll dwar l-ammonti tal-Petty Cash li kien hemm f'numru 40 għax-xhur ta' April u Mejju.

**19/09/07** Id-DSE infurmat li dan il-pagament ma kienitx komda li tgħaddieh peress li kienet rat xi affarijiet bħal xiri ta' panadols, li ma kellhomx għalfejn jinxtraw mill-kaxxa tal-petty Cash u għal din ir-raġuni talbet sabiex l-ewwel ikollha ċans tivverifika l-affarijiet qabel tipproċedi.

**19/08/08** Kien hemm qbil li pagamenti numru 10, 11, 14, 17, 21, 33-36, 40

**19/09/09** Kien hemm qbil sabiex il-kumplament tal-pagament jiġu approvati fuq proposta tas-Sa Francesca Attard, sekondata mis-Sur Christoppher Fenech.

## 19/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**19/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:33p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2025 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Mariah Meli**<br>**Sindku** | **Jeanette Galea**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |